

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Ġunju 2019 — Dalli vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-399/17) ⁽¹⁾****(“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Investigazzjoni tal-OLAF — Ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi — Dannu morali — Rabta kawżali”)**

(2019/C 255/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: John Dalli (San Ġiljan, Malta) (rappreżentanti: L. Levi u S. Rodrigues, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Keppenne u J. Baquero Cruz, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża għall-kisba ta' kumpens għad-dannu li r-rikorrent allegatament ġarrab minħabba aġir allegatament illegali tal-Kummissjoni u tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), marbut mat-tmiem tal-funzjonijiet tiegħu bħala Membru tal-Kummissjoni fis-16 ta' Ottubru 2012.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *John Dalli għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.*

⁽¹⁾ ĠU C 277, 21.8.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Ġunju 2019 — BEI vs Is-Sirja**(Kawża T-539/17) ⁽¹⁾****(“Klawżola ta' arbitraġġ — Ftehim ta' Self 'Al Thawra' Nru 16405 — Nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-ftehim — Rimbors tas-somom antiċipati — Interessi moratorji — Proċedura fil-kontumacia”)**

(2019/C 255/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Il-Bank Ewropew tal-Investment (rappreżentanti: inizjalment P. Chamberlain, T. Gilliams, F. Oxangoiti Briones u J. Shirran, sussegwentement F. Oxangoiti Briones, J. Klein u J. Shirran, aġenti, assistiti minn D. Arts, avukat, u T. Cusworth, solicitor)

Konvenuta: Ir-Repubblika Għarbija Sirjana

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża sabiex ir-Repubblika Għarbija Sirjana tiġi kkundannata tirrimborsa s-somom dovuti fil-kuntest tal-Ftehim ta' Self "Al Thawra" Nru 16405, flimkien mal-interessi moratorji.

Dispożittiv

- 1) Ir-Repubblika Għarbija Sirjana hija kkundannata tirrimborsa lill-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), is-somom ta' EUR 404 792,06, ta' 954 331,07 lira sterlina (GBP), ta' 29 130 433,00 jen (JPY) u ta' 1 498 184,58 dollaru american (USD)
- 2) Għandhom jitħallsu interessi moratorji fuq l-imsemmija somom, bir-rata ta' 4.52 %, fuq l-ammonti prinċipali u fuq l-interessi kuntrattwali, mid-9 ta' Awwissu 2017 sad-data tal-ħlas.
- 3) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 4) Ir-Repubblika Għarbija Sirjana hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 369, 30.10.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Ġunju 2019 — BEI vs Is-Sirja

(Kawża T-540/17) (¹)

(“Klawżola ta’ arbitraġġ — Ftehim ta’ Self ‘Electricity Distribution Project’ Nru 20948 — Nuqqas ta’ eżekuzzjoni tal-ftehim — Rimbors tas-somom antiċipati — Interessi moratorji — Proċedura fil-kontumacia”)

(2019/C 255/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Il-Bank Ewropew tal-Investment (rappreżentanti: inizjalment P. Chamberlain, T. Gilliams, F. Oxangoiti Briones u J. Shirran, sussegwentement F. Oxangoiti Briones, J. Klein u J. Shirran, aġenti, assistiti minn D. Arts, avukat, u T. Cusworth, solicitor)

Konvenuta: Ir-Repubblika Għarbija Sirjana

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża sabiex ir-Repubblika Għarbija Sirjana tiġi kkundannata tirrimborsa s-somom dovuti fil-kuntest tal-Ftehim ta' Self "Electricity Distribution Project" Nru 20948, flimkien mal-interessi moratorji.

Dispożittiv

- 1) Ir-Repubblika Għarbija Sirjana hija kkundannata tirrimborsa lill-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), is-somma ta' EUR 52 657 141,77.